# Lectio Divina

## Is-27 Ħadd
## Sena B

### Mk 10, 2-16

Ninsabu f'sezzjoni ta' tagħlim fuq id-dixxipulat (8,27-10,52).

**"Resqu xi Fariżej lejh, u biex iġarrbuh staqsewh jekk raġel jistax jitlaq lil martu."**

**(v.2)** *"biex iġarrbuh":* L-istess kelma tidher ukoll f'8,11 u 12,13 b'referenza għal mistoqsijiet ostili magħmula lil Ġesù.

Il-post fejn kien jinsab Ġesù "fl-art tal-Lhudija u 'l hemm mill-Ġordan" (v.1) – Perea - kienet art fid-dominju ta' Erodi Antipas. Riedu jġarrbu lil Ġesù b'rabta mal-konflitt ta' bejn il-Battista u Erodi dwar il-mara li kellu Erodi u li ma kenitx tiegħu (ara 6,14-19). Riedu li Ġesù jgħid xi ħaġa fuq iż-żwieġ ta' bejn Erodi u Erodja biex ikunu jistgħu jakkużawh quddiemu, dment li fid-Dewteronomju hemm miktub li raġel jista' jiżżewweġ mara oħra (ara Dt 24,1-4) – għalkemm f'Malakija hemm ukoll: "Għax jien id-divorzju noboghdu, jgħid il-Mulej" (2,16).

**"Weġibhom u qal: 'X'ordnalkom Mosè?'" (v.3)**

Ġesù jwieġeb bl-istess mod kif kienu jagħmlu r-rabbini: jirrispondi għall-mistoqsija tagħhom b'mistoqsija oħra dwar x'tgħid it-Torah.

**"Qalulu: 'Mosè ta l-permess li wieħed jagħmel il-kitba tad-divorzju, u jibgħatha.' Mbagħad weġibhom Ġesù: 'Minħabba l-ebusija ta' qalbkom kitbilkom dan l-ordni.'" (v.4-5)**

Ġesù jintrepeta Dt 24,1-4 bħala 'consession' temporanja minn Alla għad-dgħufija spiritwali tal-poplu.

« l-ebusija ta' qalbkom »: « La twebbwsux qalbkom » (Salm 95,8). Huwa l-għeluq tal-moħħ u tal-emozzjonijiet għall-verità (ara wkoll Mk 3,5; 16,14). Fl-ewwel kapitlu tal-Eżodu l-Fargħun huwa mqiegħed bħala eżempju ta' dak li jwebbes qalbu.

**"Iżda sa mill-bidu tal-ħolqien Alla għamilhom raġel u mara." (v.6)**

Fil-bidu tal-Vanġelu ta' Mark (1,13) Ġesù kien jgħix fid-deżert mal-bhejjem selvaġġi bħalma kienu Adam u Eva qabel il-waqgħa. Hu ġie biex jistabbilixxi l-pjan oriġinali t'Alla, tant li dritt wara (Mk 1, 14-15) huwa jħabbar li l-pjan oriġinali t'Alla diġà beda. Huwa l-ħolqien il-ġdid li jrid jinawgura Ġesù.

Faċli li t-tradizzjoni xi drabi tiġġustifika l-użu ta' ċerti liġijiet, b'dak li 'hekk dejjem kien isir' «u hekk iġibu fix-xejn il-kelma t'Alla bit-tradizzjoni li tgħadduha minn ġenerazzjoni għal oħra» (7,13). F'dan ir-rigward naraw il-konflitt ta' Ġesù f'dak li jirrigwardja l-osservanza tal-ikel (ara 7,1-23) ; is-sawm (2,18-22) u l-osservanza tas-Sibt (ara 2,23-36). Il-viżjoni t'Alla trid tingħata l-ewwel post f'kull konsiderazzjoni umana. Ir-rieda oriġinali t'Alla hija superjuri għal-liġi ta' Mosè u tkompli tkun il-linja fuq xiex wieħed għandu jimxi. Ġesù jmur fl-għeruq tal-kmand t'Alla bħalma għamel fid-diskors tal-muntanja (ara Mt 5,20-48).

**"Għalhekk, mela, raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u t-tnejn isiru ġisem wieħed. Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem. " (v.7-9)**

It-tweġiba ta' Ġesù tirrifletti li dak li hemm miktub f'Dewt 24,1-4 kien frott tar-ras iebsa tal-bniedem midneb wara l-waqgħa, tant li jmur lura għas-sitwazzjoni ta' qabel il-waqgħa (ara Ġen 1,27 u 2,24) : fl-ordini tal-ħolqien ma kienx hemm diviżjoni: għaqda bejn raġel u mara fl-imħabba.

**"Xħin daħlu d-dar id-dixxipli reġgħu staqsewh fuq dan " (v.10)**

Il-Fariżej ma jagħmlu l-ebda reazzjoni u jgħibu mix-xena.

Id-dar hija l-post fejn Ġesù kien jispjega lid-dixxipli fil-privat dak li jkun għallem (ara 7,17 ; 9, 28-29.33 ; ara wkoll 4,10-12 ; 33-34). It-tagħlim ta' Ġesù kien jitlob ukoll spjegazzjoni.

**"u hu qalilhom: 'Min jitlaq lil martu u jiżżewweġ oħra jkun ħati ta' adulterju kontra l-ewwel waħda; u jekk mara titlaq lil żewġha u tiżżewweġ ieħor tkun ħatja ta' adulterju.'" (v.11-12)**

L-adulterju mhux biss hu offiża kontra l-kmandament t'Alla (ara Eż 20,14; Dewt 5,18) imma huwa wkoll offiża kontra l-mara li magħha r-raġel huwa magħqud ħaġa waħda u viċe-versa, kif kull dnub huwa offiża kontra Alla, kontra l-proxxmu u kontra tagħna nfusna.

Hawn Ġesù qed imur kontra l-kultura ta' żmienu: mhuwiex faċli li tgħix is-salib, fl-ispirtu tal-qadi u tal-għotja tiegħek innifsek.

**"Ġibulu quddiemu xi tfal ċkejknin biex iberikhom, iżda d-dixxipli tiegħu qabdu jgħajtu magħhom." (v.13)**

*'tfal ċkejknin'*: (***Paidia***) b'referenza għat-tfal sal-età ta' tnax-il sena.

*'biex iberikhom'*: Fil-kuntest tat-Testment il-Ġdid kien hemm żewġ modi ta' kif wieħed jirċievi l-barka: b'kuntatt fiżiku ma' persuna qaddisa jew meta l-persuna titlob din il-barka t'Alla bħalma hija s-saħħa li tinżel fuq min qed jitlobha jew għal min qed jitlobha. Eżempji ta' dawn il-barkiet huma misjuba f'1,41; 3,10; 5,28-41; 6,56; 7,32; 8,22.

Ġesù għadu kemm tkellem fuq li wieħed għandu jaċċetta lit-tfal (ara 9,35-37) u l-istess dixxipli nsew malajr jew ma aċċettawx it-tagħlim tiegħu, huwa u miexi lejn Ġerusalem.

**"Ġesù, meta ra hekk, inkorla u qalilhom: "Ħalluhom it-tfal żgħar jiġu għandi; iżżommuhomx, għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna ta' Alla." (v.14)**

Is-Saltna t'Alla hija rigal li jiddependi biss minn Alla, bħalma t-tfal jiddependu mill-ħniena tal-oħrajn, bħall-ikel u l-ilbies.

**"Tassew ngħidilkom, li min is-Saltna ta' Alla ma jilqagħhiex bħal tifel ċkejken, ma jidħolx fiha." (v.15)**

"Tassew ngħidilkom": Wara li jagħmel stejtment pożittiv dwar it-tfal, Ġesù juża lingwaġġ negattiv biex iwissi b'mod solenni lid-dixxipli.

It-terminu 'tifel', kemm fil-Grieg kif ukoll fl-Aramajk, jista' jfisser ukoll 'qaddej'. Dan juri li t-tfal għal dik id-dinja kienu meqjusa bħala dawk li jaqdu lill-ġenituri tagħhom. Barra d-dipendenza fuq Alla, is-Saltna t'Alla titlob ukoll li wieħed ikollu fih spirtu ta' qadi.

Fid-dinja tal-adult it-tfal ma kellhom l-ebda dritt li jsemmgħu leħinhom fis-soċjetà. Kienu bla ebda 'status' soċjali. Issa huma jsiru għalliema u mudelli tal-veru dixxiplu għax huma ma' Ġesù u qrib Ġesù.

**“Imbagħad ħaddanhom miegħu u qiegħed idejh fuqhom u berikhom.” (v.16)**

Din ix-xena hija marbuta ma’ dak li Ġesù xtaq mit-tnax f’3,14 meta “għażilhom biex jibqgħu miegħu” u, minkejja dan, qed jitbiegħu minnu.

L-azzjoni ta’ Ġesù poġġiet fil-prattika dak li huwa għallem lid-dixxipli wara diżgwid tagħhom f’Kafarnahum (ara 9,32-34): “Jekk xi ħadd irid ikun l-ewwel wieħed, għandu joqgħod wara kulħadd u jkun qaddej ta’ kulħadd” (9,35). Il-kbir fosthom qed jilqa’ lil dawk li fis-soċjetà ma jiswew għal xejn.

It-tifel huwa eżempju ta’ min jilqa’ t-tħaddina, bħalma wieħed għandu jilqa’ s-Saltna t’Alla; is-Saltna mhijiex dritt imma hija rigal minn Alla għal min irid jilqgħu: “Tassew ngħidilkom, li min is-Saltna t’Alla ma jilqagħhiex bħal tifel ċkejken ma jidħolx fiha” (Lq 18,17).